



II-Metodoloġija SREP tal-MSU

- edizzjoni 2016 -

L-istess kundizzjonijiet għal kulħadd – Standards għoljin ta' superviżjoni

Valutazzjoni solida tar-riskju

➤ **L-istess kundizzjonijiet għal kulħadd**

Is-SREP bħalissa qiegħed isir għat-tieni **darba** skont:

- **metodoloġija komuni**
- **proċess komuni ta' teħid ta' deċiżjonijiet** li jippermetti tqabbil bejn istituzzjonijiet simili u analiżi trasversali fuq skala wiesgħha

➤ **Standards għoljin ta' superviżjoni**

- jimxi mal-linjigwida **tal-ABE fuq is-SREP** u jżomm mal-prattika ewlenja fi ġdan il-MSU u skont ir-rakkomandazzjonijiet ta' korpi internazzjonali
- **proporzjonalità, flessibbiltà u titjib kontinwu**
- deċiżjonijiet superviżorji – **mhux kapital addizzjonali biss iżda wkoll miżuri addizzjonali** mfasslin skont in-nuqqasijiet spċifici tal-banek

➤ **Valutazzjoni solida tar-riskju**


- **kombinazzjoni ta' elementi kwantitattivi u kwalitattivi**
- **valutazzjoni ħolista** tal-vijabbiltà tal-istituzzjonijiet skont l-ispeċifiċitajiet tagħhom
- **perspettiva progressiva**, e.g. testijiet tal-istress li saru fl-2016

Werrej

- 1 SREP – Riżultati 2016
- 2 SREP – Bażi Legali
- 3 SREP – Ħarsa ġenerali
- 4 SREP – Metodoloġija
- 5 SREP – Fejn ninsabu?

Fl-2016 il-MSU għamel it-tieni ċiklu tiegħu tas-SREP għal 123 istituzzjoni sinifikanti f'19-il pajjiż

- Kollox ma' kollox, l-eżerċizzju wera li d-distribuzzjoni tar-riskji fis-sistema baqgħet ġeneralment stabbli, b'xi tibdiliet idjosinkratċi



Abbażi tal-banek b'deċiżjoni SREP 2016 finali fit-30 ta' Novembru 2016

Konsistenza globali fid-domanda CET1 bejn SREP 2015 u SREP 2016

- Id-domanda globali tas-SREP CET1¹ għall-2017 baqqħet fl-istess livell tas-sena li għaddiet.
- F'għadd ta' każijiet individwali, id-domanda CET1 inbidlet biex tirrifletti l-evoluzzjoni tal-profil tar-riskju ('il fuq jew 'l isfel).
- It-naqqis fl-iskattatur tal-*Maximum Distributable Amount* (MDA) minn medja ta' 10.2% għal 8.3% huwa dovut għal ċaqliqa fil-kapital mill-Pilastru 2 tal-2015 għall-Gwida tal-Pilastru 2 (P2G) li għadha kemm ġiet introdotta u mhijiex rilevanti għall-MDA. Il-P2G tiġib ukoll it-tħassib fuq ir-riskji superviżorji mir-riżultati tat-testijiet tal-istress. Barra minn hekk, dik il-parti tal-bafer tal-konservazzjoni tal-kapital (CCB) li ma ġietx introdotta fil-Pilastru 2 tneħħiet fl-eżerċizzju tal-2016.


Noti:

Medja sempliċi, maħduma abbażi tad-deċiżjonijiet SREP 2016 finali fit-30 ta' Novembru 2016.


Id-domanda CET1 tinħad dem bla ma titqies il-ħtieġa potenzjali ta' kopertura tan-nuqqasijiet AT1/T2 tal-Pilastru 1.

¹ barra l-bafers sistemiċi (G-SII, O-SII u l-bafer tar-riskju sistemiku)

Domanda CET1 (barra l-bafers sistemiċi)




Domanda CET1 (inklużi l-bafers sistemiċi)



Domanda SREP CET1 skont l-iskor imqabbla mal-2015

- Il-medja u l-medjan tad-domanda SREP 2016 CET1¹ huma madwar 10%, l-istess bħas-sena l-oħra
- Skont il-konklużjonijiet tas-SREP 2015, id-domanda SREP 2016 CET1 hija konsistenti u korrelata mal-iskors SREP globali



¹ barra l-bafers sistemiċi (G-SII, O-SII u l-bafer tar-riskju sistemiku)

Miżuri tal-likwidità


- Miżuri speċifiċi tal-likwidità biex jindirizzaw id-dgħufijiet ewlenin, bħal:
 - dipendenza żejda fuq il-finanzjament tal-operaturi għal żmien qasir
 - strateġija tar-riskju tal-likwidità u l-qafas tat-tolleranza jiġu integrati fil-qafas globali tal-aplit għar-riskju
 - ħtieġa ta' monitoraġġ u ġestjoni adegwati tar-riskji assoċjati mal-kollateral, speċjalment id-disponibbiltà ta' kollateral u l-ħtiġijiet ta' kollateral fi żminijiet ta' stress
- Miżuri kwantitattivi, bħal:
 - proporzjon tal-kopertura tal-likwidità (LCR) ogħla mill-minimu regolatorju
 - perjodu ta' sopravivenza minimu spċificu
 - ammont minimu ta' assi likwidi

Miżuri kwalitattivi oħra

- Il-probabbiltà ta' miżuri kwalitattivi tiżdied skont il-profil tar-riskju tal-banek – miżuri kwalitattivi għall-banek kollha bi skor globali ta' 4
- Il-miżuri kwalitattivi jirreferu għall-elementi kollha tas-SREP u huma spċifici għall-banek individwali, e.g. “il-governanza jeħtiġilha titjieb”:
 - kwalità u indipendenza tal-korp maniġerjali
 - konsistenza u robustezza tal-qafas tal-aplit għar-riskju versus il-profil tar-riskju


Iċ-ċiklu SREP 2016 ħareġ I-isfidi marbutin mal-profitabilità u l-adegwatezza tal-kapital

- Il-profitabilità taħt pressjoni:
 - ambjent ekonomiku dgħajnejf
 - id-dħul nett tal-banek mill-imgħax, medja ta' nofs id-dħul kollu tagħhom, b'saħħtu iżda jaf ikun taħt pressjoni
 - kapaċità eċċessiva u frammentazzjoni tas-suq
- L-adegwatezza tal-kapital għadha qiegħda tintlaqat ħażin mis-self improduttiv (*non-performing loans – NPL*) f'xi pajjiżi, u dan huwa piż fuq il-profitabilità tal-banek




Evoluzzjoni tal-iskor SREP skont l-elementi fl-2015 u fl-2016

- Il-kawżi ewlenin ta' tħassib huma l-istess tal-2015: il-mudell tan-negozju, il-governanza interna u l-ġestjoni tar-riskju, u r-riskji għall-kapital (l-iżjed ir-riskju tal-kreditu)
- L-iskors ħażiena fil-governanza interna u l-ġestjoni tar-riskju ħarġu mir-riżultati tar-rieżami tematiku fuq il-governanza tar-riskju u l-apptit għar-riskju



Abbażi tal-banek b'deċiżjoni SREP 2016 finali fit-30 ta' Novembru 2016

Bosta istituzzjonijiet sinifikanti bħalissa għandhom livelli ta' kapital oħla mir-rekwiżiti CET1 u l-bafers*



* Skont il-provvista tal-kapital fit-tieni trimestru tal-2016 (CET1: bla nuqqasijiet AT1/T2 tal-Pilastru 1)

Abbażi tal-banek b'deċiżjoni SREP 2016 finali fit-30 ta' Novembru 2016

II-metodoloġija SREP tal-MSU timplimenta I-liġi tal-Unjoni, il-Linjigwida tal-ABE u I-aqwa prattika superviżorja

Is-SREP fis-CRD IV – Artikolu 97

... l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrieżaminaw l-arranġamenti, l-istratxji, il-proċessi u l-mekkaniżmi implementati mill-istituzzjonijiet u jevalwaw:

- (a) ir-riskji li l-istituzzjonijiet ikunu jew jistgħu jkunu esposti għalihom;
- (b) ir-riskji li tikkawża l-istituzzjoni għas-sistema finanzjarja; u
- (c) ir-riskji skoperti mill-ittestjar għal stress b'kont meħud tan-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet ta' istituzzjoni.



ITS, RTS u Linjigwida tal-ABE


- Standards Tekniċi Implementattivi (ITS) fuq deċiżjonijiet konġunti dwar rekwiżiti prudenzjali – 16 ta' Ottubru 2015
- Standards Tekniċi Regolatorji (RTS) u ITS fuq il-funzjonament ta' kulleġġi ta' superviżuri – 16 ta' Ottubru 2015
- Linjigwida fuq proċeduri u metodoloġiji komuni għas-SREP (EBA/GL/2014/13) – 19 ta' Diċembru 2014
- Opinjoni tal-Awtorità Bankarja Ewropea fuq l-interazzjoni tar-rekwiżiti tal-Pilastru 1, Pilastru 2 u l-bafers kollha flimkien u restrizzjonijiet fuq it-tqassim – 16 ta' Diċembru 2015
- Kjarifika tal-ABE fuq l-użu tar-riżultati tat-test tal-istress 2016 fl-UE kollha fil-proċess SREP – 1 ta' Lulju 2016



Prinċipji tal-Kumitat ta' Basel fuq is-Superviżjoni Bankarja u I-FSB



Superviżuri fil-BĊE u f'19-il pajjiż flimkien ħejjew deċiżjonijiet SREP għal istituzzjonijiet sinifikanti tal-MSU bis-saħħha ta' proċess komuni



* Nota: Deċiżjoni finalizzata wara proċedura ta' dritt għal smiġħ u nuqqas ta' ogħżejjoni mill-Kunsill Governattiv

L-infrastruttura bażika nbniet f'inqas minn sena

- sistema IT integrata komuni
- fluss ta' informazzjoni sigura bejn is-superviżuri kollha
- kontrolli tal-kwalità ta' dejta bankarja f'żewġ livelli: NCAs u BĊE
- użu shiħi mir-riżorsi tal-NCAs u I-BĊE
- testijiet komprensivi tal-metodoloġija




Is-SREP amministrat bħala progett importanti

- skeda komuni
- tmexxija mill-ogħla maniġment
- ġestjoni tal-proġett, żvilupp tal-metodoloġija u konsistenza orizzontali assigurati mid-DG MS IV tal-BĊE
- użu shiħi mill-kompetenza tal-BĊE u I-NCAs, l-iżjed fl-iżvilupp tal-metodoloġija, permezz ta' gruppi tematiċi ta' ħidma u sessjonijiet Q&A speċifiċi mogħtija mid-DG MS IV



- ➡ Is-SREP tmexxa skont il-pjan
- ➡ Is-SREP tlesta u ddaħħal fis-sistema IT


Metodu tal-blokki skont il-Linjigwida tal-ABE



4.1. SREP – Metodoloġija: Qafas komuni (2/3)

BĊE-PUBBLIKU

L-erba' elementi tas-SREP jimxu ma' loġika komuni li tiggarantixxi valutazzjoni solida tar-riskju



Tliet fażijiet fil-valutazzjoni kontinwa tar-riskju għal kull wieħed mill-erba' elementi

Fażi 1
Ġbir ta' dejta

Fażi 2
Skor awtomatiku ta' ankraġġ

Fażi 3
Ġudizzju superviżorju

Sorsi ewlenin:
• ITS trimestrali
• rapporti tal-STE
(*Short-Term Exercise*)

- Skor tal-livell tar-riskju (RL)
- Verifika formali tal-konformità tal-kontroll tar-riskju (RC)

Aġġustamenti abbażi ta' fatturi oħra u skont l-ispeċifiċitajiet u l-kumplessità tal-banek

Livell tar-riskju (RL) vs Kontroll tar-riskju (RC)

1.
Mudell tan-negożju

2.
Governanza interna u ġestjoni tar-riskju

3.
Valutazzjoni tar-riskji tal-kapital

4.
Valutazzjoni tar-riskji tal-likwidità

RL

✓

m/a

RC

m/a

✓


Skor aggregat
(RL + RC)

m/a = mhux applikabbli

Id-deċiżjoni fuq l-intensità tal-kompli superviżorju ssir skont il-profil tar-riskju u d-daqs tal-banek

Ġudizzju ristrett (*Constrained judgement*)

- Flessibbiltà ġusta fi skala ta' erba' gradi fejn l-iskor tal-Fażi 2 jista' jitla' grad jew jinżel żewġ gradi skont il-ġudizzju superviżorju
- Jiggarantixxi bilanċ ġust bejn:
 - proċess komuni li jiżgura konsistenza fost il-banek tal-MSU u jiddefinixxi punt ta' ankraġġ u
 - il-ġudizzju superviżorju meħtieġ, biex jitqiesu l-ispecifitätajiet u l-kumplessità ta' istituzzjoni
- L-aġġustamenti jsiru fiż-żewġ direzzjonijiet u jiġu dokumentati kollha mill-JSTs fis-sistema IT integrata
- Bħala regola, devjazzjoni mill-ġudizzju ristrett ma tiġix awtorizzata
- Il-ġudizzju ristrett jintuża ***b'mod effettiv*** mill-JSTs għall-kategoriji ***kollha*** tar-riskju ***fiż-żewġ direzzjonijiet*** biex itejxeb jew inaqqas l-iskors tal-Fażi 2




		Skors tal-Fażi 3				
		1	2	3	4	
		1	Green	Green	Green	Red
		2	Green	Green	Green	Green
		3	Red	Green	Green	Green
		4	Red	Red	Green	Green

█ Skor tal-Fażi 3 possibbi
█ Skor tal-Fażi 3 impossibbi

Mudell tan-negozju

- Identifikazzjoni tal-oqsma ta' interess (e.g. attivitajiet ewlenin)
- Valutazzjoni tal-ambjent tan-negozju
- Analiżi tal-istrateġija progressiva u l-pjanijiet finanzjarji
- Valutazzjoni tal-mudell tan-negozju
 - vijabbiltà (sa sena)
 - sostenibbiltà (sa tliet snin)
 - sostenibbiltà matul il-perjodu (iżjed minn tliet snin)
- Valutazzjoni tad-dgħufijiet ewlenin




Eżempji ta' mudelli tan-negozju identifikati

- depożitarju (kustodju)
- sellief diversifikat (gruppi differenti ta' klijenti)
- sellief bl-imnut (klijenti żgħar)
- bank universali żgħir
- sellief speċjalizzat (grupp partikolari ta' klijenti)
- bank universali

Skont il-Linjigwida SREP tal-ABE, § 55-57

Mudell tan-negożju



Fażi 1

- Għib ta' informazzjoni u għarfien tal-materjalità tal-oqsma tax-xogħol

Fażi 2


- Skor awtomatiku ta' ankraġġ abbażi ta' indikaturi, bħar-redditu fuq l-assi (ROA), il-proporzjon bejn il-kost u d-dħul, eċċ.

Fażi 3

- Analīzi komprensiva
- Tintuża biex jiġi aġġustat l-iskor tal-Fażi 2 wara li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-bank

Governanza interna u ġestjoni tar-riskju

- Qafas tal-governanza interna (jinkludi funzjonijiet ewlenin ta' kontroll bħall-ġestjoni tar-riskju, il-verifika interna u l-konformità)
- Qafas tal-ġestjoni tar-riskju u kultura tar-riskju
- Infrastruttura tar-riskju, dejta interna u rappurtar
- Politika u prattika tar-remunerazzjoni




Żewġ eżempji ta' mistoqsijiet importanti

- Teżisti xi funzjoni ta' konformità li hija separata b'mod ġerarkiku u funzionali u hija indipendenti fl-operat minn kwalunkwe responsabbiltà tal-attività tan-negożju?
- Jeżistu mekkaniżmi biex jiżguraw li l-ogħla maniġment jista' jaġixxi fil-ħin biex jikkontrola b'mod effettiv, u fejn ikun meħtieġ itaffi, skoperturi għar-riskju negattivi materjali, b'mod partikolari dawk li joqorbu lejn jew jaqbżu d-dikjarazzjoni approvata tal-aptit għar-riskju jew il-limiti tar-riskju?



Skont il-Linjigwida SREP
tal-ABE, § 81-82

Governanza interna u ġestjoni tar-riskju



Fażi 1

- Għbir ta' informazzjoni e.g. mir-rieżami tematiku tal-governanza tar-riskju u l-aplit għar-riskju (RIGA)

Fażi 2


- Verifika tal-konformità mal-provedimenti tad-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti tal-Kapital
- Analiżi speċifika ta' e.g.:
 - struttura organizzattiva
 - verifika interna
 - konformità
 - remunerazzjoni
 - applit għar-riskju
 - infrastruttura tar-riskju
 - rapportar

Fażi 3

- Analiżi komprensiva
- Aġġustament tal-verifika tal-Fażi 2 skont l-ispeċifiċitajiet tal-bank
- Użu tal-konklużjonijiet tar-rieżami tematiku tal-governanza tar-riskju u l-aplit għar-riskju

Riskji għall-kapital

Tliet perspettivi differenti (“3 Blokki”)



Blokk 1 Perspettiva superviżorja

Blokk 2 Perspettiva tal-bank

Blokk 3 Perspettiva progressiva

Erba' kategoriji tar-riskju: tal-kreditu, tas-suq, tal-operat, IRRBB

- ✓ Ġbir ta' informazzjoni: e.g. rapporti ICAAP
- ✓ Valutazzjoni tal-ankraġġ: bi proxies skont il-Linjigwida ABE*
- ✓ Analiżi komprensiva

- ✓ Ġbir ta' informazzjoni: e.g. rapporti ICAAP
- ✓ Valutazzjoni tal-ankraġġ: bi proxies skont il-Linjigwida ABE*
- ✓ Analiżi komprensiva

- ✓ Ġbir ta' informazzjoni: testijiet tal-istress interni tal-banek
- ✓ Valutazzjoni tal-ankraġġ: testijiet tal-istress superviżorji
- ✓ Analiżi komprensiva

Għas-SREP 2016

- ✓ Testijiet tal-istress superviżorji qablu mal-għodod tas-SREP
- ✓ Sottomissjoni tal-ICAAP għadha eteroġenja ħafna



Skont il-Linjigwida SREP tal-ABE

* Il-proxies tal-MSU jimplimentaw il-kunċett ta' benchmarks superviżorji stipulati fil-Linjigwida tal-ABE fuq is-SREP (§ 335)

4.4.1. SREP – Metodoloġija: Element 3 Blokk 1

BĊE-PUBBLIKU

Riskji għall-kapital – Blokk 1




Stħarriġ bir-reqqa f'fattur ta' riskju partikolari: **riskju tal-kreditu** (eżempju)

Fażi 1	Fażi 2	Fażi 3
<ul style="list-style-type: none"> ➤ Livell tar-riskju <ul style="list-style-type: none"> • subsett ta' indikaturi definiti bil-quddiem abbażi ta' dejta tal-ITS u I-STE ➤ Kontroll tar-riskju <ul style="list-style-type: none"> • Ĝibar ta' informazzjoni 	<ul style="list-style-type: none"> ➤ Livell tar-riskju <ul style="list-style-type: none"> • skor awtomatiku mogħti minn dimensjonijiet differenti bħal: <ul style="list-style-type: none"> • kwalità (e.g. proporzjon tas-self improduttiv) • kopertura (e.g. provvedimenti) ➤ Kontroll tar-riskju <ul style="list-style-type: none"> • verifikasi tal-konformità marbutin mal-governanza interna, l-aplit għar-riskju, il-ġestjoni tar-riskju u l-verifika interna tar-riskju tal-kreditu b'mod partikolari 	<ul style="list-style-type: none"> ➤ Livell tar-riskju <ul style="list-style-type: none"> • analiżi komprensiva e.g.: <ul style="list-style-type: none"> • pożizzjoni u xejra tar-riskju attwali • ħarsa 'l quddiem • tqabbil ma' istituzzjonijiet simili • analiżi bir-reqqa ta' bosta subkategoriji e.g.: <ul style="list-style-type: none"> • portafolli korporattivi mhux finanzjarji • portafolli ta' individwi ➤ Kontroll tar-riskju <ul style="list-style-type: none"> • analiżi iżjed bir-reqqa, b'mod partikolari permezz ta' laqgħat spċifici mal-bank

Riskji għall-kapital – Blokk 2


- Valutazzjoni tal-affidabbiltà tal-ICAAP
- Wara l-aspettattivi tal-BĊE fuq l-ICAAP pubblikati fit-8 ta' Jannar 2016, il-JSTs:
 - jivvalutaw l-affidabbiltà tal-proċess kollu – *valutazzjoni kwalitattiva*
 - iqabblu l-validità taċ-ċifri tal-ICAAP mal-proxies tal-MSU – *valutazzjoni kwantitattiva*
 - joħorġu bil-valutazzjoni ta' Blokk 2 biex idaħħlu l-valutazzjoni globali tal-adegwatezza tal-kapital



Aspettattivi tal-BĊE fuq l-ICAAP


- Kontenut kif deskritt fil-Linjigwida tal-ABE fuq l-informazzjoni dwar l-ICAAP u l-ILAAP
- Dokumentazzjoni interna flimkien ma' "manwal għall-qarrejja"
- Formola tad-dejta tar-riskju
- Rikonċiljazzjoni bejn iċ-ċifri tal-Pilastru 1 u l-ICAAP
- Konklużjonijiet fis-sura ta' dikjarazzjonijiet tal-adegwatezza tal-kapital sostnuti bl-analiżi tar-riżultati tal-ICAAP u ffirmati mill-korp maniġerjali

ICAAP – Valutazzjoni kwalitattiva



Dokumenti interni tal-bank kif stipulat fil-Linjigwida tal-ABE

Immappjat skont l-istruttura tal-Linjigwida tal-ABE biex iħaffef l-aċċess tal-JSTs għall-informazzjoni interna tal-bank




Valutazzjoni tal-JSTs

→ Deċiżjoni fuq l-affidabbiltà tal-ICAAP

4.4.4. SREP – Metodoloġija: Element 3 Blokk 2 (3/3)

BĊE-PUBBLIKU

ICAAP – Valutazzjoni kwantitattiva



Dejta tar-riskju tal-ICAAP

Definizzjoni tar-riskju u kalkoli tal-ICAAP skont il-klassifika tar-riskju tal-banek stess

SSM Risk Map		ICAAP information				
L1 Risk categories	L2 Risk sub-category (hereof...)	1.3 Name of internal risk category as currently covered in ICAP (please use categories and sub-categories as available internally and map them to the given risk categories and sub-categories as possible; for risk categories or sub-categories not covered in the SSM risk map, please use the row named "other")	1.4 Short description of internal Risk category (including sub-categories that may be included)	1.5 ICAP estimate - internal capital needed (by view) in EUR (please only provide numbers as internally available)	1.6 Have there been material changes in scope or quantification methodology for this risk category / sub-category since the last reporting date? (y/n)	1.7 P5 link to document quant method the date of the last reporting date in the package
Credit risk	credit risk (please use this row in case several sub-categories are quantified together, i.e. no separate estimates are available)					
	default risk					
	credit concentration risk					
	FX lending risk					
	Securitization risk					
	Country risk (includes transfer risk)					
	Settlement and delivery risk					
	residual risk					
	migration risk					

Proxies*

- Ikkwantifika bejn wieħed u ieħor id-domanda għall-kapital
- Ħalli I-JSTs jaraw il-kalkoli tal-istituzzjonijiet f'perspettiva u jsaħħu d-djalogu superviżorju
- Tagħtix ċifra waħda tar-riskju iż-żda firxiet indikattivi biex il-JSTs joħorġu b'ċifri tal-kapital għal kull riskju skont il-ġudizzju tagħihom

Valutazzjoni

Ċifra aġġustata tal-kapital intern (rekwiżiti tal-kapital)

- Pilastru 1 bħala bażi
- Ebda diversifikazzjoni bejn ir-riskji

Djalogu mal-banek

* Riskju tal-konċentrazzjoni (isem wieħed u settorjali), riskju tas-suq, riskju tal-kreditu, IRRBB

Riskji għall-kapital

- Perspettiva progressiva
- Fl-2016 saru żewġ eżerċizzji ta' test tal-istress fuq skala kbira



Test tal-istress tal-ABE fl-UE

- **37 istituzzjoni sinifikanti tal-MSU**
- **Publikazzjoni tar-riżultati**
- Eżerċizzju fl-UE bil-koordinazzjoni tal-ABE u b'kooperazzjoni ma' UE-KOM, BERS, BĊE u NCAs
- Skeda: Marzu–Lulju **2016**



Test tal-istress tas-SREP tal-MSU

- **56 istituzzjoni sinifikanti oħra tal-MSU¹**
- Ir-riżultati mhumiex pubbliċi
- Bil-koordinazzjoni tal-BĊE/MSU
- Skeda u metodoloġija jaqblu b'mod ġenerali mat-test tal-istress tal-ABE

Għanijiet

- Valutazzjoni tas-saħħha tal-istituzzjonijiet finanzjarji ma' żviluppi negattivi fis-swieq
- **Kontribut għas-SREP globali** li jiggarrantixxi l-adegwatezza tal-kapital u tal-likwidità tal-istituzzjonijiet, kif ukoll kopertura tar-riskju u proċessi interni solidi
- Garanzija ta' **trattament konsistenti** tal-istituzzjonijiet sinifikanti kollha taħt is-superviżjoni tal-MSU


Ir-riżultati taż-żewġ eżerċizzji daħlu fis-SREP tal-MSU

¹ L-għadd sħiħ tal-istituzzjonijiet sinifikanti (SI) inklużi fil-kampjuni tat-test tal-istress tal-ABE u tas-SREP tal-MSU ma jaqbilx mal-ġħadd totali ta' SI taħt is-superviżjoni tal-MSU, billi hemm xi ecċeżżonijiet (e.g. banek li kienu suġġetti għal evalwazzjoni komprensiva fl-2015 jew fl-2016, jew SI li huma sussidjarji ta' SI oħra tal-MSU, diġà koperti bl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni).

Riskji għall-kapital

Kif ikkomunikat I-ABE fl-1 ta' Lulju 2016, id-deċiżjonijiet SREP tal-2016 huma magħmula minn **Rekwiżit tal-Pilastru 2 (P2R)** u **Gwida tal-Pilastru 2 (P2G)**

- Il-banek huma **mistennija jissodisfaw il-P2G**, li hija **ogħla mil-livell tar-rekwiżiti tal-kapital vinkolanti** (minimu u addizzjonal) u żieda mal-bafers aggregati
- Jekk bank **ma jissodisfax il-P2G tiegħu**, dan **ma jirriżultax f'azzjoni awtomatika tas-superviżur u ma jintużax biex jistabbilixxi l-iskattatur tal-MDA**, iżda jintuża f'miżuri rfinati skont is-sitwazzjoni individuali tal-bank
- Sabiex jivvaluta l-miżuri finali li jittieħdu, **il-Bord Superviżorju jivvaluta l-każijiet kollha ta' banek li ma jissodisfawx il-P2G tagħhom**




Riskji għall-kapital

It-test tal-istress huwa fattur kruċjali li jintuża fil-proċess SREP:

- **Ir-riżultat kwalitattiv** tat-test tal-istress jiġi **inkluż biex jiġi stabbilit il-P2R**, l-iżjed fl-element tar-riskju tal-governanza
- **L-impatt kwantitattiv** tat-test tal-istress negattiv huwa **fattur li jintuża biex jistabbilixxi l-livell tal-P2G**



Biex jiġi stabbilit il-P2G jitqiesu elementi differenti fi **stampa ħolista**, e.g.:

- b'mod ġenerali, id-**dgħajfien tal-kapital** bit-test tal-istress fis-**sitwazzjoni negattiva** mistħajla
- il-**profil tar-riskju spċificu** tal-istituzzjoni individwali u s-**sensittività tagħha għas-sitwazzjonijiet ta' stress**
- **tibdil interim fil-profil tar-riskju tal-istituzzjoni mid-data tal-għeluq (31 ta' Diċembru 2015) u **miżuri li jkun ħa l-bank** biex itaffi s-sensittivitajiet għar-riskju, bħall-bejgħ rilevanti ta' assi, eċċ.**



Implimentazzjoni tar-riżultati tat-test tal-istress negattiv għall-agħar sena biss fil-P2G

Riżultati tat-test tal-istress negattiv għall-agħar sena biss fil-P2G



1 L-iżjed każ komuni; jista' jsir kalkulu speċifiku skont l-implementazzjoni tal-Artikolu 131(15) tas-CRD IV minn Stat Membru

2 Bafer tar-risku sistemiku

3 II-BĊE jiġbed l-attenzjoni għal dan li ġej:

- Skont ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (MAR), dawk l-istituzzjonijiet li jkollhom titoli negozjati pubblikament huma mistennija jevalwaw jekk ir-rekwiżiti tal-Pilastr 2 jissodisfawx il-kriterji tal-informazzjoni interna u għandhomx jiġu żvelati pubblikament
- L-opinjoni tal-ABE tas-16 ta' Diċembru 2015 li tgħid "Awtoritatjet kompetenti għandhom iqisju jużaww id-dispożizzjoniijiet tal-Artikolu 438 (b) tas-CRR biex jitbolu istituzzjonijiet jiżvelaw ir-rekwiżiti tal-kapital rilevanti għall-MDA [...], jew għallinqas m'għandhomx jimpedixxu jew jiskoragġixx kwalunkwe istituzzjoni milli tiżvela din l-informazzjoni"


Fid-dawl ta' dak li jidher hawn fuq, il-BĊE la jimpedixxi u lanqas jiskoraġġixxi istituzzjonijiet milli jiżvelaw ir-rekwiżiti tal-kapital rilevanti għall-MDA.

Nota: Implementazzjoni tal-opinjoni tal-ABE fuq l-MDA u stqarrja għall-istampa tal-1 ta' Lulju 2016

Riskji għal-likwidità

Tliet perspettivi differenti (“3 Blokki”)

Blokk 1 Perspettiva superviżorja	Blokk 2 Perspettiva tal-bank	Blokk 3 Perspettiva progressiva
<p>Likwidità għal-żmien qasir, sostenibbiltà tal-finanzjament</p> <ul style="list-style-type: none"> ✓ Ġbir ta' informazzjoni ✓ Skors tal-anakraġġ għar-riskji tal-likwidità għal-żmien qasir u tas-sostenibbiltà tal-finanzjament ✓ Analiżi komprensiva 	<ul style="list-style-type: none"> ✓ Ġbir ta' informazzjoni: e.g. rapporti ILAAP ✓ Valutazzjoni tal-anakraġġ: qabbel il-validità tal-kalkoli interni tal-istituzzjoni ✓ Analiżi komprensiva: e.g. tal-affidabbiltà tal-ILAAP 	<ul style="list-style-type: none"> ✓ Ġbir ta' informazzjoni: testijiet tal-istress interni tal-banek ✓ Valutazzjoni tal-anakraġġ: testijiet tal-istress superviżorji ✓ Valutazzjoni tar-riżultati tat-testijiet tal-istress superviżorji u tat-testijiet tal-istress interni tal-bank




Għas-SREP 2016

- ✓ L-ikbar piż fuq Blokk 1
- ✓ Blokk 2 – eteroġeneità qawwija fl-ILAAP
- ✓ Blokk 3 għadu mhux definit għalkollox

Skont il-Linjiegwida SREP tal-ABE, § 370-373


Riskji għal-likwidità – Blokk 1



Fażi 1	Fażi 2	Fażi 3
<ul style="list-style-type: none"> Livell tar-riskju <ul style="list-style-type: none"> subsett ta' indikaturi definiti bil-quddiem abbażi ta' dejta tal-ITS u I-STE Kontroll tar-riskju <ul style="list-style-type: none"> ġbir ta' informazzjoni 	<ul style="list-style-type: none"> Livell tar-riskju <ul style="list-style-type: none"> skor awtomatiku li joħroġ minn bosta indikaturi bħal: <ul style="list-style-type: none"> proporzjon tal-kopertura tal-likwidità (LCR) finanzjament għal żmien qasir/finanzjament totali Kontroll tar-riskju <ul style="list-style-type: none"> verifikasi tal-konformità relatati mal-governanza interna, l-apptit għar-riskju, il-ġestjoni tar-riskju u l-verifika interna 	<ul style="list-style-type: none"> Livell tar-riskju <ul style="list-style-type: none"> analiżi iżjed bir-reqqa: <ul style="list-style-type: none"> riskju tal-finanzjament tal-operaturi għal żmien qasir riskju tal-ġurnata kwalità tal-bafers tal-likwidità diskrepanza fil-finanzjament strutturali Kontroll tar-riskju <ul style="list-style-type: none"> analiżi iżjed bir-reqqa, b'mod partikolari permezz ta' laqgħat speċifiċi mal-bank

Riskji għal-likwidità – Blokk 2 u 3



- Valutazzjoni tal-affidabbiltà tal-ILAAP
- Wara l-aspettattivi tal-BĊE fuq I-ILAAP pubblikati fit-8 ta' Jannar 2016, il-JSTs
 - jivvalutaw l-affidabbiltà tal-proċess kollu – *valutazzjoni kwalitattiva*
 - iqabblu l-ħtiġijiet tal-ILAAP u l-ipotesijiet tat-testijiet tal-istress mal-proxies tal-MSU – *valutazzjoni kwantitattiva*
 - joħorġu bil-valutazzjoni ta' Blokk 2 u 3 biex idaħħlu l-valutazzjoni globali tal-adegwatezza tal-likwidità



Aspettattivi tal-BĊE fuq I-ILAAP

- Kontenut kif deskritt fil-Linjigwida tal-ABE
- Dokumentazzjoni interna flimkien ma' "manwal għall-qarrejja"
- Konklużjonijiet fis-sura ta' dikjarazzjonijiet tal-adegwatezza tal-likwidità sostnuti minn analiżi tar-riżultati tal-ILAAP u ffirmati mill-korp maniġerjali


ILAAP – Valutazzjoni kwalitattiva



Dokumenti interni tal-bank kif stipulat fil-Linjigwida tal-ABE


Immappjat skont l-istruttura tal-Linjigwida tal-ABE biex iħaffef l-aċċess tal-JSTs għall-informazzjoni interna tal-bank

→ Deċiżjoni fuq l-affidabbiltà tal-ILAAP



II-valutazzjoni SREP globali (stampa ħolistika)

- Tipprovdi īħarsa ġenerali sintetika tal-profil tar-riskju ta' istituzzjoni:
 - abbażi tal-valutazzjoni tal-erba' elementi f'daqqa (mhux is-somma sempliċi)
 - bħala punt ta' tluq, l-erba' elementi tas-SREP jitqiesu bl-istess importanza
- Tqis:
 - l-ippjanar tal-kapital/liwidità tal-istituzzjoni biex tiżgura mogħdija solida lejn l-implementazzjoni sħiħa tad-Direttiva/Regolament dwar ir-Rekwiżiti tal-Kapital (CRD IV/CRR)
 - it-tqabbil ma' istituzzjonijiet simili
 - il-makroambjent li taħdem fih l-istituzzjoni




Skont il-Linjigwida SREP tal-ABE (tabella 13, pp. 170 u 171) l-iskor globali tas-SREP jirrifletti l-valutazzjoni globali tas-superviżur tal-vijabbiltà tal-istituzzjoni: skors għoljin jirriflettu żieda fir-riskju għall-vijabbiltà tal-istituzzjoni li toriġina minn xi karatteristika jew karatteristiċi tal-profil tar-riskju tagħha, fosthom il-mudell tan-negożju, il-qafas tal-governanza interna u riskji individwali għall-pożizzjoni ta' solvenza jew likwidità tagħha.

Il-profil tar-riskju ta' istituzzjoni jkollu **bosta aspetti** u ġafna fatturi tar-riskju huma **marbutin** bejniethom

Trattament konsistenti u ġust

- **Analiżi orizzontali wiesgħa** ssir waqt it-tħejjija tal-valutazzjonijiet u d-deċiżjonijiet sabiex tiprovd:
 - perspettivi oħra għall-JSTs
 - sostenn għad-diskussjonijiet fuq il-linji politiċi u l-proċess tad-deċiżjonijiet



Seta' jsir tqabbil bejn istituzzjonijiet simili u analiżi trasversali fuq skala wiesgħa biex l-istituzzjonijiet kollha jiġu valutati b'**mod konsistenti** u b'hekk jitħeġġeġ **suq bankarju uniku iż-żejjed integrat**.

Is-SREP globali huwa l-bażi għall-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-kapital u l-likwidità u biex jittieħdu l-miżuri superviżorji meħtieġa kontra kull tkkassib

- Deċiżjonijiet SREP tal-Bord Superviżorju (flimkien mal-proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni tal-Kunsill Governattiv)
- Id-deċiżjonijiet SREP jistgħu jinkludu:

Rekwiżiti tal-fondi propri

- rekwiżit tal-kapital SREP totali (TSCR) magħmul mir-rekwiżiti minimi tal-fondi propri (8%¹) u minn rekwiżiti addizzjonali tal-fondi propri (P2R²)
- rekwiżiti tal-bafers aggregati (CBR²)
- rakkomandazzjoni għal azzjoni linear lejn proporzjonijiet “fully-loaded”


Rekwiżiti kwantitattivi tal-likwidità għal istituzzjonijiet individwali

- proporzjon tal-kopertura tal-likwidità (LCR) ogħla mill-minimu regolatorju
- perjodi ta' sopravivenza itwal
- miżuri nazzjonali

Miżuri superviżorji kwalitattivi u miżuri oħra

- miżuri superviżorji addizzjonali li joriġinaw mill-Artikolu 16(2) tar-Regolament MSU, e.g., ir-restrizzjoni jew il-limitazzjoni tan-negozju, il-ħtieġa ta' tnaqqis tar-riskji, ir-restrizzjoni jew l-approvazzjoni bil-quddiem għat-tqassim ta' dividendi u l-impożizzjoni ta' obbligi tar-rappurtar addizzjonali jew aktar spissi

- Il-komunikazzjoni SREP tinkludi wkoll il-P2G espressa bħala żieda mal-proporzjon CET1




¹ Mill-inqas 56.25% CET1

² CET 1 biss

4.8. SREP – Metodoloġija: Deċiżjoni SREP (2/5)

BĊE-PUBBLIKU

Deċiżjoni SREP – miżuri tal-kapital



	SREP 2015	SREP 2016
Pilastru 2	Pilastru 2 (rilevanti għall-MDA)	Rekwiżiti tal-Pilastru 2 (P2R) (rilevanti għall-MDA) Gwida tal-Pilastru 2 (P2G) (mhix rilevanti għall-MDA)
Bafer tal-Konservazzjoni tal-Kapital (CCB)	Overlap mal-Pilastru 2 (Pilastru 2 gross)	Ebda overlap mal-Pilastru 2
Turrun tas-CET1	<p>*L-iskala mhijiet realistika</p>	<p>*L-iskala mhijiet realistika</p>
Kompożizzjoni tal-kapital	Pilastru 2: CET1 100%	P2R u P2G: CET1 100%
Deċiżjoni SREP	Proporżjon CET1	P2R: Proporżjon CET1 u Rekwiżiti tal-Kapital SREP Totali (TSCR) ³ P2G: Żieda mal-proporżjon CET1

1 L-iżjed każ komuni; jista' jsir kalkolu speċifiku skont l-implementazzjoni tal-Artikolu 131(15) tas-CRD IV minn Stat Membru



2 Bafer tar-riskju sistemiku

3 Jekk ikun hemm nuqqas fir-rekwiżit tal-Pilastru 1 (AT1/T2), dan għandu jiġi kopert b'CET1 addizzjonal fil-P2R (iżda, għall-2017, mhux fil-P2G)

Nota: Implementazzjoni tal-opinjoni tal-ABE fuq l-MDA u stqarrija għall-istampa tal-1 ta' Lulju 2016

Jekk kollox ikun l-istess, id-domanda attwali għall-kapital fis-sistema tagħti indikazzjoni wkoll għall-ġejjeni

- Jekk fatturi oħra jkunu l-istess, id-domanda għall-kapital tkun mistennija li tibqa' ġeneralment stabbli¹
- Jekk istituzzjoni ta' kreditu topera jew tistenna li topera taħt il-Gwida tal-Pilastru 2, għandha tikkuntattja minnufih lill-JST tagħha
- Il-banek jeħtiġilhom iqisu wkoll il-bafers sistemiċi (G-SII, O-SII u l-bafers tar-riskju sistemiku) kif ukoll il-bafer kontroċikliku, li huma parti mit-turrun tal-kapital




¹ Id-domanda għall-kapital hija l-Pilastru 1 flimkien mal-P2R, is-CCB u l-P2G. Irrispettivament mill-introduzzjoni tas-CCB, il-banek huma mistennijin ikollhom ukoll P2G pożittiv fil-ġejjeni.

² TSCR: rekwiżiti tal-kapital SREP totali

³ OCR: rekwiżiti tal-kapital globali

Deċiżjoni SREP – miżuri tal-likwidità

- Ir-rekwiżiti tal-proporzjon tal-kopertura tal-likwidità (LCR) daħlu fis-seħħi fl-1 ta' Ottubru 2015
- Eżempji ta' miżuri speċifċi tal-likwidità jinkludu:
 - LCR ogħla mill-minimu regolatorju
 - perjodu ta' sopravivenza minimu speċifiku
 - ammont minimu ta' assi likwidi





Deċiżjoni SREP – miżuri superviżorji oħra

L-Artikolu 16(2) tar-Regolament MSU

Il-BĊE għandu s-setgħat li ġejjin:

- (a) jitlob I-istituzzjonijiet iżommu fondi proprii iżjed mir-rekwiżiti tal-kapital
- (b) jitlob li jissaħħu d-dispożizzjonijiet, il-proċessi, il-mekkaniżmi u I-istratēġiji
- (c) jitlob I-istituzzjonijiet jippreżentaw pjan li jgħib lura I-konformità ma' rekwiżiti superviżorji u jistabbilixxi data ta' skadenza għall-implimentazzjoni tiegħi (...)
- (d) jitlob I-istituzzjonijiet japplikaw politika spċifici ta' provediment jew trattament tal-assi fit-termini tar-rekwiżiti tal-fondi propri
- (e) jirrestrinġi jew jillimita n-negozju, I-operazzjonijiet jew in-netwerk tal-istituzzjonijiet jew jitlob iċ-ċessjoni ta' attivitajiet li jgħibu magħħom riskji eċċessivi għas-solidità tal-istituzzjoni
- (f) jitlob li jitnaqqas ir-riskju inerenti fl-attivitajiet, prodotti u sistemi tal-istituzzjonijiet
- (g) jitlob I-istituzzjonijiet jillimitaw ir-remunerazzjoni varjabbli (...)
- (h) jitlob I-istituzzjonijiet jużaw il-qligħ nett biex isaħħu I-fondi propri
- (i) jirrestrinġi jew jipprobixxi t-tqassim lill-azzjonisti, membri jew parteċipanti fi strumenti tal-Grad 1 addizzjonal fejn il-projbizzjoni ma tikkostitwix avvenimenti ta' inadempjenza min-naħħa tal-istituzzjoni
- (j) jimponi rekwiżiti ta' rappurtar addizzjonal iż-żejjur iż-żejjur spissi (...)
- (k) jimponi rekwiżiti spċifici tal-likwidità, fosthom restrizzjonijiet fuq diskrepanzi fil-maturità bejn I-assi u I-obbligazzjonijiet
- (l) jitlob żvelar addizzjonal
- (m) ineħħi membri b'terminu mill-korp maniġerjali ta' istituzzjonijiet tal-kreditu





DIALOGU ORIZZONTALI MAL-INDUSTRIJA

- ✓ Laqgħat regolari bejn l-assoċjazzjonijiet tal-banek u DGS IV
- ✓ Gruppi ta' diskussjoni mal-istituzzjonijiet sinifikanti kollha

Informazzjoni pubblika

- ✓ Pubblikazzjoni ta' "Gwida għas-superviżjoni bankarja"
- ✓ Pubblikazzjoni ta' pożizzjonijiet tal-BĊE (e.g. fuq l-MDA, ir-remunerazzjoni, eċċ.)
- ✓ Diskorsi tal-President u l-Viċi President tal-Bord Superviżorju
- ✓ Ittri lil MEPs, laqgħat u skambji ta' opinjonijiet ma' MEPs

DIALOGU KONTINUU MAL-BANEK

- ✓ Programm ta' Eżami Superviżorju (SEP)
- ✓ Laqgħat bejn il-banek u l-JSTs (l-aktar qabel deċiżjoni SREP – dialogu superviżorju)
- ✓ Deċiżjonijiet SREP (dritt għal smigħ)

Il-banek għandhom

- ✓ iċ-ċarezza meħtieġa biex jifhmu l-metodoloġija u l-valutazzjoni tar-riskju, u biex jieħdu l-miżuri mitlubin ħalli jitjiebu
- ✓ iċ-ċertezza meħtieġa biex jagħmlu l-pjanijiet għall-kapital tagħhom

Titjib fid-djalogu kontinwu mal-banek




Pakkett tal-komunikazzjoni SREP

Maqsum mal-istituzzjonijiet sinifikanti kollha biex jiġi żgurat li jkun hemm konsistenza u kwalità fiż-żona tal-euro kollha:

- indikazzjoni tal-kawżi ewlenin tad-deċiżjonijiet li jistgħu jittieħdu (e.g. kapital, likwidità u mżuri spċifici kwalitattivi oħra)
 - analiżi tar-riżultati tat-test tal-istress
 - tqabbil bejn l-indikaturi ewlenin ta' istituzzjonijiet simili

2. SREP Assessment: Details on Business Model	
Business Model	
<p>Business 55. Without specifying determining: ► the risk ► the risk based on the 56. Compre- hensive elements (e.g. 57. Compre- hensive material)</p> <p>[BANK] Weakness: The bank: • The bank • Over the • [BANK] decision</p> <p>Strengths: • The bank • Over the • ...</p> <p>[BANK] Weakness: The (Ba) • The addi- • Additio- • ... The (Ba) the inte • ...</p> <p>Strengths: • Credit • Market • Operat • Interes • Other</p> <p>[BANK] Weakness: While the BAWK/KVZ is reporting satisfactory short-term liquidity positions, the profile of the short term is not subject to regular monitoring.</p> <p>With regard to longer term funding sustainability (BAWK/KVZ) is reporting weaker loan to deposit ratios in absolute terms when compared to Country peers. This is greater than the average long-term funding sustainability (BAWK/KVZ) is reporting the Funding Indicators (EWI) regarding the Contingency Funding Plan.</p> <p>Strengths: • The bank has ... • ...</p>	
2. SREP Assessment: Details on Internal Governance & Risk Management	
Internal Governance and Risk Management	
2. SREP Assessment: Details on Risks to Capital	
Assessment of risks to capital	
Assess	
<p>113. Com 114. The not intro 115. This a market c. operati d. interest</p> <p>Assessment of Risks to Liquidity and Funding</p> <p>Assessment of Risks to Liquidity and Funding – EBA/GL/2014/13 para. 370-373</p> <p>370. Competent authorities should assess the risks to liquidity and funding that have been identified as material for the institution. The purpose of this assessment is to determine measures to be considered when assessing individual risks and risk management and controls. It is not intended to be exhaustive and gives easy to competent authorities to take the account other additional criteria that may be deemed relevant based on their experience and the specific features of the institution.</p> <p>371. This title provides competent authorities with a set of common elements for the assessment of risks to liquidity and funding.</p> <p>372. The methodology comprises three main components: a assessment of short-term liquidity risk; an assessment of inherent funding risk; and a assessment of liquidity and funding risk management.</p> <p>373. In the assessment of risks to liquidity and funding, competent authorities should verify the institutions compliance with minimum requirements provided by the relevant EU and national implementing regulations. However, this guidance does not extend the scope of the assessment beyond those minimum requirements, aiming to allow competent authorities to take a more holistic view of the risks.</p> <p>[BANK NAME] – Use bullet points to describe MAIN SREP FINDINGS</p> <p>Please insert feedback on ILAAP:</p> <ul style="list-style-type: none"> How complete is the submission by the bank? How did the bank meet the EBA letter of expectation? How the 5 key aspects of the pyramid of assessment have been fulfilled by the bank? 	



Titjib fil-komunikazzjoni pubblika u d-djalogu orizzontali

Matul il-perjodu tas-SREP 2016, il-MSU kabbar it-trasparenza tal-proċess kif ukoll dik lejn żviluppi u prioritajiet ġonna:

- Jannar: pubblikazzjoni tal-prioritajiet tal-MSU
- Jannar: gruppi ta' ħidma tas-SREP mal-uffiċjali eżekuttivi ewlenin (CEOs)
- Ġunju: rapport tal-BĊE fuq il-qafas tal-governanza u l-aplit għar-riskju
- Lulju: komunikazzjoni dettaljata dwar ir-riżultati u l-impatti tat-test tal-istress 2016 fuq is-SREP – konferenzi bejn il-kapipiet tal-komunikazzjoni tal-banek, analisti u l-midja
- Settembru: implementazzjoni tal-opinjoni tal-ABE fuq l-iżvelar tar-riżultati tas-SREP
- Novembru: seduta tal-President fil-Parlament Ewropew
- Matul il-perjodu sħiħ saru bosta laqgħat mal-assoċjazzjonijiet bankarji

**SSM supervisory statement
on governance and risk
appetite**

June 2016

BANKTILLSYN
BANKU PRIEŽIURA NADZOR BANKOWY
SUPERVISION BANCAIRE
MADDESEACH AR BRAUNCEIRE RICHT NADZOR BANAKA
BANKING SUPERVISION

**Frequently asked questions on
the 2016 EU-wide stress test**

The 2016 bank stress test results will be published on 29 July 2016 by the European Banking Authority. Find out what this year's stress test entails and how it feeds into the broader supervisory process.

Published on: 26 July 2016

**Enhanced dialogue between Boards and
Supervisors: Towards a sound governance
framework**

Speech by Danièle Nouy, Chair of the Supervisory Mechanism,
at the SSM Conference on governance
Frankfurt am Main, 23 June 2016

**The Supervisory Review and Evaluation
Proċess in 2016**

The goal of the Supervisory Review and Evaluation Process (SREP) is to promote a robust banking system as a pre-requisite for a sustainable and sound functioning of the economy.

The SREP in 2016

The ECB draws attention to the following:

- Under the Market Abuse Regulation of 9 April 2014 of the European Parliament and of the Council, firms that have publicly traded securities are expected to evaluate whether Tier 2 requirements meet the criteria of inside information and should be publicly disclosed.
- Under Article 16(1) of Regulation (EU) No 596/2014, institutions shall consider using the procedure of Article 456(2) of the CR to require institutions to disclose EBA-relevant capital requirements (i.e. should at least not prevent or obstruct any institution from disclosing this information).

In light of the above, the ECB does not prevent nor dissuade institutions to disclose EBA-relevant capital requirements.

It-tieni ċiklu tas-SREP seta' jsir b'mod effiċjenti u bl-istess kundizzjonijiet għal kulħadd

➤ Armonizzazzjoni sinifikanti

- il-ġudizzju ristrett intuża b'mod effikaċi
- kien hemm korrelazzjoni aqwa bejn il-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet u r-rekwiżiti tal-kapital

➤ FI-2016 ċerti aspetti tal-metodoloġija SREP qegħdin jiġu rfinati, e.g.:

- il-valutazzjoni tar-riskju tal-likwidità u l-finanzjament
- qafas iżjed armonizzat għall-valutazzjoni tal-ICAAP
- it-testijiet tal-istress 2016 u l-introduzzjoni tal-gwida fuq il-kapital

➤ Il-metodoloġija SREP se tkompli tevolvi biex tissorvelja b'mod adegwat l-attivitajiet u r-riskji tal-banek b'mod progressiv

